

Intervenjenti insostenn tal-kovenuta: Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: inizjalment M. Holt u D. Robertson, sussegwentement S. Brandon, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 2319 finali, tal-15 ta' April 2016, li tirrifjuta, fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331), l-aċċess għal numru ta' dokumenti relatati mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 3496 finali, tal-24 ta' Ġunju 2013, li tagħti self Euratom favur il-programm għat-titjib tas-sigurtà tar-reatturi nukleari fl-Ukraina.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *CEE Bankwatch Network għandha tbatl l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk esposti mill-Kummissjoni Ewropea.*
- 3) *Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandu jbatl l-ispejjeż rispettivi tiegħu.*

⁽¹⁾ ĠU C 305, 22.8.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Frar 2018 – Zink vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-338/16 P) ⁽¹⁾

(“Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Remunerazzjoni — Allowance tal-espatrijazzjoni — Nuqqas ta' ħlas tal-allowance għal diversi snin wara żball amministrattiv — Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal — Terminu raġonevoli”)

(2018/C 134/27)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Richard Zink (Bamako, Mali) (rappreżentanti: N. de Montigny u J.-N. Louis, avukati)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Bohr u F. Simonetti, aġenti)

Suġġett

Appell ippreżentat kontra s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tal-11 ta' April 2016, Zink vs Il-Kummissjoni (F-77/15, EU:F:2016:74), u intiż għall-annullament ta' dik is-sentenza.

Dispożittiv

- 1) *Is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tal-11 ta' April 2016, Zink vs Il-Kummissjoni (F-77/15) hija annullata.*
- 2) *Id-deċiżjoni tat-23 ta' Lulju 2014 tal-Uffiċċju “Ġestjoni u kalkolu tad-drittijiet individwali” (PMO) tal-Kummissjoni Ewropea hija annullata inkwantu, bis-saħħa ta' dik id-deċiżjoni, il-Kummissjoni kienet irrifjutat li tħallas lil Richard Zink l-allowance tal-espatrijazzjoni relatata mal-perjodu ta' bejn l-1 ta' Settembru 2007 u t-30 ta' April 2009.*

- 3) Il-kumplament tar-rikors ippreżentat quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea taħt ir-referenza F-77/15 huwa miċħud.
- 4) Il-Kummissjoni hija kkundannata għall-ispejjeż relatati mal-proċeduri tal-appell u mal-proċeduri tal-ewwel istanza.

⁽¹⁾ ĠU C 305, 22.8.2016.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Frar 2018 – Iberdrola vs Il-Kummissjoni
(Kawża T-260/15 R)

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Għajjnuna mill-Istat — Skema ta' għajjnuna prevista mil-leġiżlazzjoni fiskali Spanjola — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta' urġenza”)

(2018/C 134/28)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Iberdrola, SA (Bilbao, Spanja) (rappreżentanti: J. Ruiz Calzado u J. Domínguez Pérez, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Stromsky u P. Němečková, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/314 tal-15 ta' Ottubru 2014 dwar l-għajjnuna mill-Istat SA.35550 (13/C) (ex 13/NN) (ex 12/CP) implimentata minn Spanja Skema għall-amortizzazzjoni tat-taxxa ta' avvjament finanzjarju għall-akkwist ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji barranin (ĠU 2015, L 56, p. 38).

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) Id-Digriet tal-24 ta' Novembru 2017, Iberdrola vs Il-Kummissjoni (T-260/15 R), huwa rrevokat.
- 3) L-ispejjeż huma rriżervati.

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Novembru 2017 – Autoridad Portuaria de Vigo vs Il-Kummissjoni
(Kawża T-764/17)

(2018/C 134/29)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Autoridad Portuaria de Vigo (Vigo, Spanja) (rappreżentant: J. Costas Alonso, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla r-rettifika tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 45, p. 14), ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 243 tal-21 ta' Settembru 2017;